MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 288/2009

**Emanuel Grech Company Limited (C7200)**

**Vs**

**Richard Cuschieri (ID 481789M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef sitt mija tnejn u sebghin ewro tmienja u hamsin centezmu (€7672.58) rapprezentanti prezz ta' oggetti ta' ironmongery, inkluz materjal ta' plumbing u elettriku, mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut mis-socjeta' rikorrenti fuq inkarigu tal-konvenut stess, u li sa llum mhux imhallsa u bl-imghaxijiet kummerjcali mill-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u seba' (2007), u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut inkluzi l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali numru 3621/08.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-14 ta' Ottubru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €7672.58 bl-imghax kummerjali skond il-ligi mill-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2007 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3621/08.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------